**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**

**Rikors numru: 214/2015**

**Wasteserve Malta Ltd. (C 30560)**
**EkoCentre, Triq il-Latmija,**
**Marsascala.**

**vs**

**Carmel Pace (K.I.: 67862M)**
**2, Melrose,**
**Flat 2, Triq is-Snajja,**
**Msida**

**Illum, 1 ta' Frar 2018,**

Il-Qorti;

Rat r-rikors permezz ta' liema s-socjetà rikorrenti talbet lill-intimat jghid ghalfejn m'ghandux ikun ikkundannat li jhallas is-somma ta' tlett elef, sitt mija u wiehed u tmenin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€3,681.62)

liema somma tirrapprezenta bilanc minnha dovut ghal servizz ta' rimi u depozitu ta' skart u materjal fil-facilitajiet immexxija mis-socjetà attrici. Bl-ispejjez u bl-imghax sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-intimat kien debitament notifikat bir-rikors promotur u bl-avviz tas-smigh skont kif jirrizulta mir-referti a folio 4 et sequitur tal-process.

Rat illi l-intimat ma prezenta l-ebda risposta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Semghet trattazzjoni orali ghan-nom tal-partijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum stess.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza s-socjetà rikorrenti qed titlob hlas fl-ammont ta' tliet elef u sitt mija u wiehed u tmenin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€3,681.62) minghand l-intimat.

Illi l-intimat huwa kontumaci stante illi ma pprezenta l-ebda risposta ghat-talbiet tas-soċjetà rikorrenti minkejja z-zmien lilu koncess. Izda huwa kien rapprezentat mill-Avukat tal-fiducja tieghu sa mis-seduta tat-13 ta' Jannar 2016.

Illi skont il-verbal tas-seduta tat-02 ta' Marzu 2016: "Il-partijiet infurmaw lill-Qorti wkoll illi kien sar ftehim verbali sabiex l-intimat ihallas l-ammont ratealment, izda minhabba din ic-cirkostanza m'onorax l-imsemmi ftehim."

Illi ghalhekk l-intimat kien accetta u ammetta t-talba tas-socjetà rikorrenti.

Illi in oltre, mill-provi prodotti mis-socjetà rikorrenti, t-talba taghha tirrizulta pruvata.

Illi l-intimat ma ressaq l-ebda prova sabiex jikkontesta t-talba tas-socjetà rikorrenti u bl-ebda mod ma cahad l-istess talba.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda tilqa' t-talba tas-socjetà rikorrenti, bl-imghax skont il-ligi dekorribbli mil-lum sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez kontra l-intimat.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur